MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1798/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Antonia Klein**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Settembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm258.13) hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9942 7234;**

**Illi l-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi, baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-**

**konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-8 ta' Marzu, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm258.13) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta' Marzu, 2005 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill- konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------